MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2008

Numru 333/2000

Il- Pulzija
(Spettur Angelo Caruana)

-vs-

Omisis

Alfred Zahra

Il-Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Alfred Zahra ta’ 30 sena, imwieled Pieta’ fis- 27 ta’ Novembru, 1977, iben Emanuel u l- mejta Giovanna nee` Caruana u residenti Plot 197, Triq ir- Rizza, Birzebbugia, detentur tal- karta ta’ l- identita` bin- numru:579677M.

Akkuzat talli f’ dawn il- Gzejjer, matul dawn l- ahhar xhur b’ diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksur l- istess dispozizzjoni tal- ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda; u cioe:

1. Talli fit- 23 ta’ Frar 2000 ghall- habta tas- saghtejn ta’ wara nofs inhar fiz- Zurrieq ikkommetta serq ta’ somma flus li tammonta ghal- madwar sittin lira maltin (Lm60) u cash register mill- fond “PG and Sons Discount Store” sitwat iz- Zurrieq, ghad- dannu ta’ Paul Galea, liemaserq huwa kkwalifikat bil- vjolenza, valur u mezz.

2. Talli fl- istess, data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il- ligi ta’ awtorita’ kompetenti u barra mill- kazijiet li fihom il- ligi taghti setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lill- Paul Galea u diversi persuni kontra l- volonta’ taghhom.

3. Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil- hin li ghamel id- delitt ta’ serq kellu fuq il- persuna tieghu arma tan- nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan- nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari.

4. Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm u garr arma tan- nar u munizzjoni minghajr licenzja tal- Kummissarju tal- Pulizija.

5. Akkuzat ukoll talli f’ dawn il- Gzejjer, fit- 23 ta’ Frar, 2000, minghajr licenzja tal- Kummissarju tal- Pulizija, kellu fil- pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f’ idejh jew fuqu, xi arma tan- nar jew munizjoni barra minn fond jew post li jaghmel mieghu bi ksur ta’ l- artikolu 3(1A) tal- Kap 66 tal- Ligijiet ta’ Malta.

6. Talli fit- 22 ta’ Frar 2000 f’ xi hin matul il- gurnata minn gewwa G’Mangia ikkommetta serq ta’ vettura, nurmu ta’ registrazzjon KAI773, tal- ghamla Ford Anglia, li l- valur taghha jammonta ghal- aktar minn mitt lira izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1000) ghad- dannu ta’ Anthony Borg liema serq huwa kkwalifikat bil- valur, bil- mezz u bix- xorta tal- haga misruqa.

7. Kif ukoll talli fit- 18 ta’ Frar, 2000, gewwa Birzebbugia f’ xi hin matul il- gurnata kkometta serq ta’ kwantita ta’ deheb li l- valur tieghu jeccedi l- mitt lira izda anqas minn elf lira, kwantita ta’ ghasafar u arma tan- nar mill- fond 7, Sqaq San Gorg sitwat Birzebbugia ghad- dannu ta- Mark Farrugia, liema serq huwa aggravat bil- mezz, bil- lok u bil- valur.

8. Talli fil- 15 ta’ Mejju, 2000 u fix- xhur ta’ qabel f’ dawn il- gzejjer u fiz- zminijiet ta’ wara xjenetment laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew, xjentament kull mod li jkun indahlu sabiex ibieghhom jew imexxihom.

9. Talli fl- 5 ta’ April, 2000 ghall- habta ta’ nofs inhar gewwa Hal Tarxien flimkien ma persuni ohra ikkommetta serq ta’ somma flus li tammonta ghal- madwar tlett mitt lira Maltin (Lm300) mill- fond “Sonren Pharmacy”, ghad- dannu ta’ Giuseppe Bezzina, liema serq huwa kkwalifikat bil- vjolenza, valur u mezz.

10. Talli fl- istess, data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il- ligi ta’ awtorita’ kompetenti u barra mill- kazijiet li fihom il- ligi taghti setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lill- Giuseppe Bezzina u diversi persuni kontra l- volonta’ taghhom.

11. Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil- hin li ghamel id- delitt ta’ serq kellu fuq il- persuna tieghu arma tan- nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan- nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari.

12. Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm u garr arma tan- nar u munizzjoni minghajr licenzja tal- Kummissarju tal- Pulizija.

13. Akkuzat ukoll talli f’ dawn il- Gzejjer, fil- 5 ta’ April, 2000, minghajr licenzja tal- Kummissarju tal- Pulizija, kellu fil- pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f’ idejh jew fuqu, xi arma tan- nar jew munizjoni barra minn fond jew post li

jaghmel mieghu bi ksur ta’ l- artikolu 3(1A) tal- Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

14. Talli fil- lejl ta’ bejn l- 4 u l- 5 ta’ April 2000 f’ xi hin matul il- gurnata minn gewwa il- Fgura ikkommetta serq ta’ vettura, nurmu ta’ registrazzjon JAG502, tal- ghamla Austin 1100, li l- valur taghha jammonta ghal- aktar minn mitt lira izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1000) ghad-dannu ta’ Alfred Azzopardi liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil- mezz u bix- xorta tal- haga misruqa.

15. Kif ukoll talli fit- 3 ta’ Marzu 2000 gewwa Benghisa f’ xi hin matul il- gurnata kkommetta serq ta’ tlettax il- fenek minn gewwa razzett ghad- dannut ta’ Carmel Camilleri u nies ohra, liema serq huwa aggravat bil- mezz, bil- lok u bil- valur.

16. Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi f’ dawn il-gzejjer u fiz- zminijiet ta’ wara xjenetment laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew, xjentament kull mod li jkun indahlu sabiex ibieghhom jew imexxihom.

17. Talli sar recidiv b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 20 ta’ Ottubru 1998 u 25 ta’ Ottubru 1999, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-degriet mghoti minn din il-Qorti kif diversament preseduta fit-23 ta’ Mejju 2000 li permezz tieghu giet awtorizzata iz-zieda ta’ l-ahhar imputazzjoni fil-konfront ta’ l-imputat.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din l-Qorti kif mahsub taht l-artikoli 17(b)(h), 18, 20, 22, 23, 31, 86, 87, 261(a)(b)(c)(e)(g), 263, 264, 265, 267, 266, 269, 271, 276, 277, 278, 279(b), 280, 281, 330, 334 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 2, 3(1), 9, 23, 26 u 27 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta (ref nota a fol 214).

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni biex il-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja (ref verbal a fol 215).

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu waqt l-udjenza mizmuma fis-17 ta’ Lulju 2002 (ref verbal a fol 212) u kkonferma din l-ammissjoni waqt l-udjenza mizmuma f’l-4 ta’ Marzu 2005 anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha (ref verbal a fol 230).

Rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 20, 22, 23, 31, 86, 87, 261(a)(b)(c)(e)(g), 263, 264, 265, 267, 266, 269, 271, 276, 277, 278, 279(b), 280, 281, 330, 334 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 2, 3(1), 9, 23, ,26 u 27 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali aggornata ta’ l-imputat.

Rat l-atti processwali kollha.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi f’l-udjenza tas-17 ta’ Lulju 2002 u f’dik ta’l-4 ta’ Marzu 2005 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. L-imputazzjonijiet ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x’jigu konsiderati.

Illi bla dubbju ta’ xejn l-ewwel fattur li ghandu jigi kunsidrat huwa n-natura u l-gravita tar-reati kommessi.

Illi fattur iehor huwa li ghalkemm l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dan ghamlu fi stadju inoltrat tal-proceduri u cioe wara sentejn. Jidher pero li l-ammissjoni saret f’dan l-istadju ghaliex kien f’dan il-perjodu li l-imputat verament beda jaffaccja l-problemi li kellu f’hajtu u beda jipprova jirriabilita ruhu.

Illi fil-fatt l-imputat ikkommetta r-reati odjerni f'perjodu ta' tlett xhur meta huwa kellu tnejn u ghoxrin sena. F'dan l-istess perjodu l-imputat kien jabbuza mix-xorb u mid-droga u kellu problema ta' dipendenza fuq dawn is-sustanzi. Kienet id-dipendenza fuq dawn is-sostanzi li wasslu lill-imputat biex jikkommetti dawn ir-reati.

Illi pero' jirrizulta ukoll mill-atti li l-imputat qed jaghmel dak kollu possibbli biex jirriabilita ruhu tant li ghamel programm, b'ezietu pozittiv, u issa ilu zmien li qata l-vizju tad-droga u tax-xorb. Huwa ghandu mpieg fuq bazi *full-time*, qed imantni lill-uliedu minuri u anke dahal f'konvenju biex jixtri l-mezzanin fejn qed jghix. Dawn il-fatti gew konfermati sia mid-dokumenti esebieti u sia mill-ufficjal tal-*probation* li kienet qed issegwi lill-imputat in forza ta' ordni mghoti minn din il-Qorti.

Illi jirrizulta wkoll li l-imputat ikkoopera mal-pulizija u li z-zewg vetturi misruqa gew ritornati lid-derubati koncernati, kif gew ritornati xi oggetti ohra mir-res furtiva. L-oggetti li baqaw ma gewx ritornati (u li ma jistghux jigu ritornati) huma: l-ghasafar, l-oggetti tad-deheb u l-arma misruqa minghand Mark Farugia; sittin lira (Lm60) misruqa minghand Paul Galea; tlett mitt lira (Lm300) misruqa minghand Giuseppe Bezzina; u xi fniek misruqa minghand Camelo Camilleri. Ta'dawn l-imputat iddikjara li huwa lest jikkompensa lid-derubati.

Illi l-Qorti ikkunsidrat ukoll ir-rapport ta'l-ufficjal tal-*probation* Mary Grace Vella (esebiet max-xhieda taghha a fol 221) minn fejn jirrizulta li l-imputat ghamel uzu tajjeb mill-opportunitajiet ta' sanzjoniijiet fil-kommunita li gie mghoti minn dawn il-Qrati. L-istess Vella fil-fatt kienet ta' l-opinjoni li piena karcerarja ma tkunx wahda opportuna minhabba li jezisti cans kbir li jintilef il-progress li kien qed isir mill-imputat. Ta' min wiehed jirrileva li r-rapport in kwistjoni kien gie redatt fit-23 ta' Lulju 2003. Pero din l-istess opinjoni Vella regghat ikkonfermatha f'l-4 ta' Marzu 2005, fis-26 ta' Jannar 2006 u f'l-20 ta' Marzu 2006 u cioe kull darba li regghet xehdet quddiem din l-Qorti kif diversament preseduta.

Illi fattur iehor li din l-Qorti kif preseduta ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni huwa d-dekors taz-zmien minn meta gew kommessi r-reati odjerni, u minn meta l-imputat ammetta l-imputazzjoni lilu addebietati, sa kemm il-kawza qed tigi finalment deciza u l-kambjamenti li kompla jaghmel f'hajtu f'dan il-perjodu l-imputat.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi kollha l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tistrieh fuq l-opinjoni ta'l-ufficjal tal-*probation* u ma timponiex piena karcerarja u (f'l-impossibilita li timponi sentenza ta' prigunerija sospieza) tapplika d-dispozizjonijiet tal-Kap 446 u tpoggi lill-imputat taht ordni ta' *probation* b'impozizzjoni ta' diversi kundizzjonijiet inkluz dawk li jikkumpensa lid-derubati ghal nofs l-ammonti li ghadhom pendenti (l-imputat kien akkompanjat minn persuna ohra f'kull wahda mis-serqiet), li ma jiehu l-ebda sostanza projbita, u li jissottometti ghal testijiet frekwenti biex jigi stabbilit li huwa mhux qed jiehu dawn is-sostanzi.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 20, 22, 23, 31, 86, 87, 261(a)(b)(c)(e)(g), 263, 264, 265, 267, 266, 269, 271, 276, 277, 278, 279(b), 280, 281, 330, 334 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 2, 3(1), 9, 23, 26 u 27 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' *probation* ghal perjodu ta' tlett (3) snin f'liema perjodu huwa m'ghandu jiehu l-ebda sostanza projbita u ghandu jissottometti ghal testijiet frekwenti biex tigi stabbilita l-ottemperanza ta'l-imputat ma'din l-ordni. L-imputat huwa ordnat ukoll biex ihallas is-somma ta' tmien mija u tletin Euro u tnejn u erbghin Euro centezmu (830.42) ekwivalenti ghal tlett mija sitta u hamsin lira u hamsin centezmu Lm356.50) lil Mark Farrugia; is-somma ta' disgha u sittin Euro u tmienja u tmenin Euro centezmu (Euro 69.88) ekwivalenti ghal tletin lira (Lm30) lil Paul Galea; is-somma ta' tlett mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin Euro centezmu (Euro 349.41) ekwivalenti ghal mija u hamsin lira (Lm150) lil Giuseppe Bezzina; u s-somma ta' disgha u sittin Euro u tmienja u tmenin Euro centezmu (Euro 69.88) ekwivalenti

ghal tletin lira (Lm30) lil Camelo Camilleri liema hlasijiet ghandhom isiru fi zmien sena mill-llum.

In oltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta l-imputat qed jigi kkundannat ihallas s-somma ta' sitt mija u erbatax Euro u erbgha u hamsin Euro centezmu (Euro 614.54) ekwivalenti ghal mitejn tlieta u sittin Lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm263.82) rapprezentanti nofs l-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti u/jew periti, liema somma ghandha tithallas fi zmien sena mill-llum.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' tlett snin u jekk ma josservax l-ordnijet lilu mghotija.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------